



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 14 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9877/24

AGRI 406
AGRILEG 264
AGRIFIN 63
AGRISTR 40
AGRIORG 78

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Nota ta' spjegazzjoni dwar il-futur tal-immaniġġar ta' kriżijiet fl-Agrikoltura tal-UE

Bil-ħsieb tal-Kunsill "Agrikoltura u Sajd" tas-27 ta' Mejju 2024, id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness nota tal-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq.

Nota ta' spjegazzjoni dwar il-futur tal-immaniġġar ta' kriżijiet fl-Agrikoltura tal-UE

Fil-KSA tat-12 ta' Frar 2024, taħt il-Presidenza Belġjana, sar l-ewwel skambju ta' fehmiet rigward ir-rapport tal-Kummissjoni dwar l-użu ta' miżuri ta' kriżi adottati skont l-Artikoli 219 sa 222 tar-Regolament dwar l-OKS. Dan ir-rapport (dok. 5676/24 + ADD 1), ippubblikat fit-

22 ta' Jannar 2024, ivvaluta l-effettività tal-miżuri meħuda b'rispons għal diversi kriżijiet.

L-Artikoli 219 sa 222 tar-Regolament dwar l-OKS jindirizzaw speċifikament il-miżuri ta' kriżi li jistgħu jiġu adottati b'reazzjoni għal disturbi serji fis-suq, inkluż l-impatti tar-riskji għas-saħħa tal-bnedmin, l-annimali jew il-pjanti fuq il-fiduċja tal-konsumatur (l-Artikolu 220), problemi speċifiċi (l-Artikolu 221) jew tfixkil għall-bilanċ tas-suq (l-Artikolu 222).

Il-miżuri ta' kriżi huma essenzjali biex jappoġġaw lill-produtturi u jistabbilizzaw is-swieq fil-każ ta' tfixkil kbir. L-effettività ta' dawn il-miżuri, kif ukoll l-użu u l-impatt tagħhom, għandhom jiġu mmonitorjati u evalwati mill-qrib biex jiġi żgurat li jaqdu l-ħtiġijiet tas-settur agrikolu tal-UE. Skont il-metodoloġija tal-OECD, rikonoxxuta wkoll mill-UE, ir-riskji agrikoli kollha jistgħu jiġu kkategorizzati fi tliet riskji:

- Riskji normali tan-negozju: dawn huma riskji li huma parti millhidma ta' kuljum tal-bdiewa (eż. mard jew mewt ta' annimali, tagħmir bil-ħsara, rendiment tal-għelejjel li jvarja, bidliet fid-domanda tas-suq minħabba l-kundizzjonijiet tat-temp).
- Riskji kummerċjabbli: dawn huma riskji kbar wisq għall-ġestjoni individwali iżda jistgħu jinqasmu bejn grupp akbar ta' persuni (eż. assigurazzjoni kontra avvenimenti tat-temp, volatilità tal-prezzijiet, fondi ta' assistenza reċiproka għal ċertu mard)
- Riskji katastrofiċi: dawn huma riskji tant sinifikanti li (assiguraturi jew) swieq ma jistgħux ikopruhom bi prezz raġonevoli (eż. għargħar gravi, terremoti, mard li jhedded popolazzjonijiet sħaħ ta' bhejjem).

Filwaqt li riskji normali tan-negozju għandhom ikunu koperti mill-pjan tan-negozju tal-bdiewa, riskji kummerċjabbli u katastrofiċi ma jistgħux jiġġarbu mill-bidwi individwali waħdu. Għalhekk, huma meħtieġa strumenti ta' ġestjoni tar-riskju.

Il-PAK tipprovdi strumenti differenti biex tgħin fil-ġestjoni ta' dawn ir-riskji, inkluż appoġġ għad-diversifikazzjoni tal-metodi ta' produzzjoni jew kummerċjalizzazzjoni, eċċezzjonijiet għar-regoli tal-kompetizzjoni għal Organizzazzjonijiet tal-Produtturi (OP) rikonoxxuti, appoġġ għal fondi mutwi, l-assigurazzjoni, intervent pubbliku fis-suq, konċessjoni temporanja għall-ġestjoni tal-provvista privata...

Ir-riżerva għall-agrikoltura, b'allokazzjoni annwali ta' mill-inqas EUR 450 miljun, hija element importanti fl-istrateġija tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet. Dan il-baġit separat huwa maħsub biex itejjeb il-prevedibbiltà u r-rispons f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. L-użu u l-ġestjoni ta' dan il-fond huma punti kritiċi għad-diskussjoni, speċjalment f'termini ta' kif jistgħu jintużaw aħjar biex jirrispondu mhux biss għal tfixkil tas-suq iżda wkoll għal kundizzjonijiet ħżiena tat-temp u l-impatt tat-tibdil fil-klima. Filwaqt li dan il-fond wera l-użu tiegħu, huwa ċar li ma jistax iservi bħala l-unika għodda biex jittaffa l-impatt tar-riskji deskritti hawn fuq. Fid-19 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni organizzat laqgħa mad-Diretturi Ġenerali tal-Istati Membri biex tirrevedi l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tar-riżerva għall-agrikoltura. Matul din il-laqgħa, id-diskussjonijiet iffukaw fuq it-tipi ta' kriżijiet indirizzati mir-riżerva għall-agrikoltura, l-assigurazzjoni tas-solidarjetà fost l-Istati Membri, l-effettività u l-koerenza tal-politika, u l-ġestjoni finanzjarja. L-Istati Membri qasmu l-esperjenzi u l-isfidi tagħhom fil-ġestjoni tas-settur agrikolu matul il-kriżijiet u fl-użu effettiv tar-riżerva agrikola. Kien hemm kunsens dwar il-ħtieġa għal kriterji ċari ta' allokkazzjoni, koerenza politika u ġestjoni finanzjarja flessibbli biex ikun jista' jingħata appoġġ f'waqtu matul is-sena.

Fil-kuntest tad-diskussjonijiet ta' hawn fuq u dawk ta' qabel fil-livell tal-KSA, deher ċar li hemm bżonn li jiġi evalwat u, fejn meħtieġ, adattat dan is-sett ta' għodod, kemm fil-PAK kif ukoll barra minnha, ta' miżuri ta' kriżi biex jirrispondu għal sfidi futuri.

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat ir-rapport dwar l-attivitajiet tal-grupp ta' esperti dwar il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Tħejjija u Rispons għall-Kriżijiet tas-Sigurtà tal-Ikel (EFSCM). Dan ir-rapport jissottolinja, fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika ta' bħalissa u l-konsegwenzi tagħha fuq il-flussi kummerċjali u l-volatilità tal-prezzijiet, l-importanza li tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel f'kull ħin permezz ta' sensiela ta' strumenti ta' emerġenza li jiffunzjonaw tajjeb biex jiżguraw l-istabbiltà tas-suq u l-appoġġ għall-produtturi.

F'rapport dwar "L-iżgurar tas-sigurtà alimentari u r-reżiljenza fit-tul tal-agrikoltura tal-UE" (2022), il-PE enfażizza wkoll il-ħtieġa li l-UE ssaħħa is-sigurtà tal-ikel tagħha u r-reżiljenza tas-settur agrikolu tagħha u l-katina tal-provvista kollha tagħha billi tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq importazzjonijiet minn pajjiżi terzi u tiddiversifika l-provvista ta' prodotti importati kritiċi bħall-fertilizzanti, l-ġhalf tal-annimali u l-materja prima (2022/2183 (INI)). Studju mitlub għall-Kumitat AGRI tal-PE (Marzu 2024) janalizza l-vulnerabbiltajiet tas-sistema tal-ikel tal-UE, filwaqt li jiddeskrivi l-ġhodod biex jiġu żgurati l-inputs u biex l-UE ssir inqas dipendenti fuq fornituri barranin. Huwa jipprova rakkomandazzjonijiet għal miżuri xierqa biex iżidu r-reżiljenza tas-sistema tal-ikel tal-UE għat-tfixkil fil-flussi kummerċjali u għaż-żidiet fil-prezzijiet ta' inputs importati.

F'Marzu 2024, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent ippubblikat il-Valutazzjoni Ewropea tar-Riskju Klimatiku (European Climate Risk Assessment, EUCRA). Ir-rapport tal-EUCRA jibni fuq u jikkomplementa l-bażi ta' għarfien eżistenti dwar l-impatti u r-riskji klimatiċi għall-Ewropa. Jidentifika l-agrikoltura bħala wieħed mill-oqsma ta' politika milquta direttament mir-riskji tat-tibdil fil-klima. Dan jinvolvi fatturi bħal kundizzjonijiet estremi tat-temp (stress mis-sħana, nixfiet, xita eċċessiva, għargħar, u erożjoni) li jista' jkollhom impatt fuq il-produzzjoni tal-ikel, il-katina tal-provvista tal-ikel, il-konsum tal-ikel, ir-reazzjonijiet tas-suq u s-sigurtà. Ir-rapport janalizza pereżempju r-riskji li jaffettwaw il-produzzjoni tal-ikel tal-UE, is-sistemi tal-ikel tal-UE u s-sigurtà tal-ikel tal-UE, filwaqt li jħares fuq terminu qasir, medju u twil. Xi opportunitajiet u soluzzjonijiet preliminari huma ppreżentati fir-rapport, inkluż ukoll li jissemma l-mekkaniżmu ta' flessibilità tal-PAK għal sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-Kummissjoni Ewropea rreaġixxiet għall-EUCRA bil-Komunikazzjoni tagħha dwar ir-Riskju Klimatiku dwar il-ġestjoni tar-riskji klimatiċi għall-protezzjoni tan-nies u l-prospertà (dok. 7732/24).

Barra minn hekk, f'Marzu 2024, fil-konklużjonijiet tiegħu (dok. EUCO 7/24) il-Kunsill Ewropew appella għal tħejjija msaħħa u rispons għall-kriżijiet fil-livell tal-UE f'approċċ li jkopri l-perikli kollha u s-soċjetà kollha u Strateġija tal-Unjoni ta' Tħejjija.

Il-ħtieġa għal approċċ proattiv u strutturat għall-ġestjoni ta' kriżijiet futuri hija evidenti. Din id-diskussjoni għandha l-għan li tkompli tirfina u ssaħħa ir-rispons strateġiku tal-UE għall-kriżijiet agrikoli, kemm f'termini ta' tħejjija għall-kriżijiet kif ukoll f'termini ta' ġestjoni tal-kriżijiet, il-bini tar-reżiljenza għar-riskju u l-iżgurar tal-istabbiltà kemm fuq terminu qasir kif ukoll fit-tul għall-bdiewa u s-swieq agrikoli.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Presidenza tistieden lid-delegazzjonijiet iwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin matul l-iskambju ta' fehmiet fil-Kunsill AGRIFISH tas-27 ta' Mejju 2024:

- X'bidliet taħseb li huma meħtieġa fil-qafas attwali tal-ġestjoni tal-kriżijiet biex jiġu indirizzati aħjar riskji kummerċjabbli u katastrofiċi futuri?
- Kif jistgħu l-bdiewa jiġu appoġġati aħjar fit-tranżizzjoni tagħhom għal prattiki tal-biedja reżiljenti bħala mod kif jiġu evitati riskji estremi relatati mal-klima?